

Brussell, 13 ta' Marzu 2026
(OR. en, cs, de, fr)

6803/26
PV CONS 10
AG 36
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
24 ta' Frar 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 6547/2/26 REV 2.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

6376/26 + COR 1

Il-Kunsill adotta l-punti A kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6377/1/26 REV 1

Affarijiet Ġenerali

1. Direttiva li tissimplifika r-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u r-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta (Omnibus I)



6224/1/26 REV 1
+ REV 1 ADD 1
PE-CONS 66/25 +
SIMPL

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-20.02.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biċ-Ċekja tivvota kontra u l-Awstrija, il-Belġju, u l-Bulgarija jastjenu (bażi legali: l-Artikoli 50 u 114 TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet miċ-Ċekja, il-Ġermanja u Franza jinsabu fl-Anness.

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

2. Regolament li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027



6287/1/26 REV 1
+ REV 1 ADD 1
PE-CONS 6/26
ECOFIN

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-20.02.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biċ-Ċekja, is-Slovakkja u l-Ungerija ma jiddux sehem fil-vot (bażi legali: l-Artikolu 212 TFUE). Il-Kunsill iddeċieda wkoll li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE.

Dikjarazzjoni mill-Belġju tinsab fl-Anness.

3. **Regolament li jemenda l-Faċilità għall-Ukrajna**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst
fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti
nazzjonali fl-UE
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-20.02.2026

IC 6289/1/26 REV 1
PE-CONS 7/26
ECOFIN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Ungerija tivvota kontra (bażi legali: l-Artikolu 212 TFUE). Il-Kunsill iddeċieda wkoll li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- | | | |
|----|---|---------|
| 3. | Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu 2026:
abbozz ta' aġenda annotata
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 5152/26 |
| 4. | Affarijiet oħra | |
| | a) It-tishiġ tal-kooperazzjoni Ewropea kontra l-estremiżmu
mhux vjolenti, l-influenza barranija, u r-
radikalizzazzjoni online
<i>Informazzjoni mill-Awstrija u l-Ungerija</i> | 6627/26 |
| | b) Il-ħolqien tat-28 reġim għal-liġi tal-kumpaniji
<i>Informazzjoni minn Franza</i> | 6616/26 |

I L-ewwel qari

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punt "A" leġiżlattiv li jinsab fid-dokument 6377/1/26 REV 1

Dwar il-punt "A" Direttiva li tissimplifika r-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u r-
Nru 1: rekwiżiti tad-diliġenza dovuta (Omnibus I)
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MIĊ-ĊEKJA

"Ir-Repubblika Ċeka tagħraf l-importanza li nħarsu l-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. Fl-istess ħin, tqis essenzjali li kull obbligu u piż amministrattiv impost fuq in-negozji jrid ikun xieraq, proporzjonat u ġustifikat b'benefiċċji li jidhru b'mod ċar.

Ir-Repubblika Ċeka tixtieq tiringrazzja lill-Presidenzi kollha involuti fin-negozjati għall-isforzi u x-xogħol kostruttiv tagħhom fuq din il-kwistjoni. Ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-progress li sar fir-rigward tal-proposta attwali. Minkejja dan, m'aħniex sodisfatti bl-obbligi li fadal fil-qasam tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà, li fil-prattika jirrappreżentaw l-iktar kompiti amministrattivi formali. Għalhekk, nippreferu qafas li fih ir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà jsir fuq bażi volontarja.

Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-qasam tas-sostenibbiltà, ir-Repubblika Ċeka tista' tappoġġa l-proposta fil-prinċipju, peress li tintroduċi tnaqqis sinifikanti u konsiderevoli fil-piż amministrattiv impost fuq in-negozji.

Ir-Repubblika Ċeka tqis li l-proposta fil-forma attwali tagħha ma tirriflettix totalment il-pożizzjoni u l-prijoritajiet nazzjonali tagħna, u għalhekk ma tistax tiġi appoġġata bis-sħiħ."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Id-Direttiva msemmija hawn fuq (Omnibus I) tintroduċi paragrafu ġdid, l-Artikolu 8(2a), fid-Direttiva (UE) 2024/1760 (CSDDD). Anki fil-formulazzjoni attwali tagħha ("ugwalment probabbli li jseħħu jew ikunu ugwalment severi"), il-Ġermanja tifhem il-formulazzjoni tal-Artikolu 8(2a)(c) bħala rekwiżiti kumulattivi fil-kuntest tad-Direttiva inġenerali. Dan il-fehim waħdu jiżgura interpretazzjoni koerenti li hi konsistenti mal-għan tad-Direttiva CSDDD/Omnibus I u l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju msaħħa minn Omnibus I. Fil-bqija tat-test tas-CSDDD, it-termini "x'aktarx" u "severi" huma dejjem marbutin bil-kelma "u", bħal fl-Artikolu 9 tas-CSDDD. Dan hu rifless ukoll fl-istandards internazzjonali tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-oqsfa tal-OECD, li huma msejsa fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. B'kuntrast, interpretazzjoni differenti li tissepara "ugwalment probabbli" u "ugwalment severi" tkun inkonsistenti mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju ta' Omnibus I u twassal għal piżijiet mhux ġustifikati fuq il-kumpaniji kieku kellha toħloq talbiet għal informazzjoni lil fornituri diretti dwar riskji li, għalkemm probabbli, relattivament mhumiex problematiċi.

Fl-interess taċ-ċarezza legali, il-Ġermanja titlob lill-Kummissjoni Ewropea biex, fil-gwida tagħha lill-kumpaniji, tiċċara li l-formulazzjoni tal-Artikolu 8(2a)(c) għandha tinftiehem bħala rekwiżiti kumulattivi."

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"Franza tilqa' l-adozzjoni tad-Direttivi riveduti dwar is-CSR u s-CS3D fil-qafas ta' Omnibus I, li ser jipprovdu lin-negozji b'qafas stabbli u armonizzat li ser jiżgura li l-azzjonijiet u l-impatt tagħhom f'termini ta' sostenibbiltà jkunu aktar trasparenti u li jippromwovi l-irfiġh tar-responsabbiltà tagħhom tul il-katina tal-valur. Għalhekk titlob lill-Kummissjoni tiżgura li dawn id-direttivi riveduti jiġu implimentati b'mod uniformi u rapidu. B'mod partikolari, irid jiġiwaqqaf kull tentattiv ta' ċirkumvenzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet minn kumpaniji mhux Ewropej (speċjalemtn fil-kalkolu tal-limiti ta' fatturat), sabiex l-obbligi japplikaw ugwalment għall-partijiet ikkonċernati kolha. It-tieni, Franza tappella lill-Kummissjoni tiegħu impenn li tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' identifikazzjoni tar-riskju għal kumpaniji li s-sħab kummerċjali tagħhom ma jkunux limitati għas-sħab kummerċjali diretti tagħhom. Dan hu meħtieġ biex tingħata ċertezza legali lin-negozji tagħna."

Regolament li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027

Dwar il-punt "A"

Nru 2:

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU

"Fir-rigward tal-Artikolu 20 tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna, il-Belġju jissottolinja li dan l-Artikolu fih innifsu ma jgħid b'żewġ bażi legali li tippermetti li jsir użu mill-assi Russi immobilizzati fl-Unjoni biex jiġiħallas lura s-sell, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali. Kwalunkwe deċiżjoni politika futura biex jintużaw l-assi tirrikjedi att legali, soġġett għal approvazzjoni separata fl-UE u l-adozzjoni ta' mekkaniżmu speċifiku."